It-3 stazzjon tal-Via Lucis

# Il-Mulej Irxuxtat jidher lil Marija Madalena (kitba ta’ Tony Pace)

| | |
|---|---|
| **Jieħdu sehem: Marija, Ġesù, Anġlu 1, Anġlu 2** | |
| *Marija tibki barra l-qabar, tara 2 anġli bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta’ Ġesù.* | |
| **Anġlu 1** | Mara, għalfejn qiegħda tibki? |
| **Marija** | Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qiegħduh. |
| *Jitfaċċa Ġesù imma Marija, għalkemm tarah, ma tagħrfux.* | |
| **Ġesù** | Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex? |
| **Marija** | Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura! |
| **Ġesù** | Marjam! |
| **Marija** | Rabbuni. Mgħallem! |
| **Ġesù** | La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom. |
| **Anġlu 2** | (*jersaq ’il quddiem u jkellem lill-udjenza*)<br><br>U Marija ta' Magdala, marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: "Rajt lill-Mulej, u qalli kif daqt jitla’ għand il-Missier, li huwa wkoll Missierna, Alla tiegħu u Alla tagħna !" |

(mill-Evanġelju ta’ San Ġwann 20 : 11 – 18)



## Il-Mulej Irxuxtat Jidher lil Marija Madalena

*Iżda Marija baqgħet 'il barra mill-qabar, tibki. Kif kienet qiegħda tibki, tbaxxiet lejn il-qabar, u rat żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù. Huma qalulha: "Mara, għalfejn qiegħda tibki?" Hi wieġbet: "Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh." Kif qalet hekk, daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù. Ġesù qalilha: "Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?" Hi ħasbet li kien il-ġardinar, u qaltlu: "Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura." Ġesù sejjħilha: "Marjam!" Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: 'Rabbuni!' jiġifieri, Mgħallem. Ġesù qalilha: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom." Marija ta' Magdala marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: "Rajt lill-Mulej", u li qalilha dan.*